



Brussell, 24 ta' Frar 2023
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2022/0039(COD)

6425/23
ADD 2

CODEC 189
ESPACE 5
RECH 45
COMPET 108
IND 53
EU-GNSS 8
TRANS 60
AVIATION 34
MAR 22
TELECOM 40
MI 113
CSC 77
CSCGNSS 2
CFSP/PESC 280
CSDP/PSDC 130

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Abbozz ta' REGOLAMENTO TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jistabbilixxi l-Programm tal-Unjoni għal Konnettività Sigura għall-perjodu 2023-2027 (l-ewwel qari) - Adozzjoni tal-att leġislativ - Dikjarazzjonijiet

Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni

Il-Kummissjoni pproponiet il-Programm tal-Unjoni għal Konnettività Sigura fil-15 ta' Frar 2022. L-invażjoni Russa tal-Ukrajna ġimgħa wara u l-avvenimenti minn dak iż-żmien urew il-ħtieġa għal konnettività sigura msaħħa fl-UE u għal implimentazzjoni aċċellerata tal-programm. Għalhekk, sakemm jiġi adottat formalment, il-Kummissjoni ressqet 'il quddiem l-implimentazzjoni ta' parti mill-attivitajiet marbuta mal-konnettività sigura ta' parti mill-programm il-ġdid li tista' tiġi appoġġata taħt l-atti legali eżistenti, u li teħtieġ fażi ta' żvilupp intensiva, b'mod partikolari taħt il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (FNE) u l-Programm Ewropa Diġitali (DIGITAL).

Diversi sejħiet taħt il-programmi ta' ħidma għall-2021 u l-2022 tad-DIGITAL u l-fergħa diġitali tal-FNE jinkludu azzjonijiet li aktar tard ser jaqgħu taħt l-oġettiv ta' infrastruttura tal-Komunikazzjoni Kwantistika tal-Programm tal-Unjoni għal Konnettività Sigura. L-għotjiet lill-benefiċjarji ser jibdwu jiġu ffirmati minn tmiem l-2022 u fl-2023. L-ammont totali diġà allokati għall-attivitajiet ta' Komunikazzjoni Kwantistika taħt id-DIGITAL u l-FNE huwa ta' EUR 260 miljun fl-2021 u l-2022. Peress li diġà ġie implimentat ammont ta' EUR 260 miljun mid-DIGITAL u l-FNE, dan ser jtnaqqas mill-pakkett finanzjarju tal-Programm tal-Unjoni għal Konnettività Sigura għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2023 sal-31 ta' Diċembru 2027. Għalhekk, l-ammont globali ddedikat għal attivitajiet relatati mal-konnettività sigura matul dan il-QFP jibqa' l-istess, jiġifieri EUR 2.4 biljun. Ser tvarja biss id-distribuzzjoni bejn l-ammonti allokati taħt l-FNE u d-DIGITAL u l-linji baġitarji tal-programm il-ġdid.

Dikjarazzjoni mir-Repubblika Ellenika

Il-Greċja kienet mill-bidu nett sostenitur qawwi tal-inizjattiva tal-Kummissjoni għal konnettività sigura u tilqa' b'sodisfazzjon it-tlestija rapida tar-Regolament li jistabbilixxi l-Programm tal-Unjoni għal Konnettività Sigura għall-perjodu 2023-2027 u wieħed jittama lil hinn.

Il-konnettività hija prijorità politika ewlenija għall-Greċja u dan ġie rifless fil-programm RRF tagħha. It-taħlit tal-infrastruttura spazjali u terrestri jista' jipprovdi konnettività b'mod sigur u reżiljenti, li huwa meħtieġ għall-gvernijiet, l-ekonomija u s-soċjetà tagħna. Il-Greċja għandha s-sistema GOVSATOM tagħha ("GreeCom"), tipparteċipa b'mod attiv fi programmi tal-UE bħal Galileo, Copernicus u EuroQCI, hija waħda mill-membri tal-Konsorzju tal-SST u nediet proġett mikrosatellitari nazzjonali li għandu l-għan li jsaħħaħ u jimmassimizza l-involviment tal-atturi spazjali kollha, juża u jespandi l-infrastruttura tiegħu u jwieġeb għall-ħtiġijiet ta' konnettività sigura.

F'dan l-ispirtu, il-Greċja tissottolinja l-ħtieġa li tiġi żgurata distribuzzjoni bbilanċjata tal-kapaċitajiet tal-Programm tal-Unjoni għal Konnettività Sigura fost l-Istati Membri u tenfasizza l-ħtieġa assoluta li jiġu ggarantiti l-interoperabbiltà u l-komplementarjetà tal-Programm tal-Unjoni mal-attivitajiet, il-kapaċitajiet u l-infrastruttura nazzjonali rilevanti matul it-tnejn, l-iżvilupp, l-implimentazzjoni u t-tmexxija tal-Programm.

Dikjarazzjoni mir-Repubblika tal-Kroazja

Ir-Repubblika tal-Kroazja tesprimi l-appoġġ sħiħ tagħha għall-adozzjoni tar-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Programm tal-Unjoni għal Konnettività Sigura għall-perjodu 2023-2027.

Madankollu, ir-Repubblika tal-Kroazja ttenni l-iskuntentizza tagħha bil-verżjoni lingwistika Kroata attwali tal-proposta għar-Regolament, jiġifieri bl-ekwivalenti Kroat tat-terminu Ingliż "cyber" u d-derivattivi tiegħu fil-lingwa Kroata¹, kwistjoni li qajjimna kontinwament fuq diversi livelli fil-Kunsill matul dawn l-aħħar snin.

Il-verżjoni attwali Kroata tal-proposta għar-Regolament tuża terminoloġija li ma teżistix fil-leġislazzjoni Kroata dwar iċ-ċibernetika u fl-użu professjonali, u b'hekk toħloq konfużjoni u ddgħajjef iċ-ċertezza legali, il-koerenza u ċ-ċarezza.

Ir-Repubblika tal-Kroazja ttenni l-pożizzjoni tagħha li t-terminoloġija użata mill-istituzzjonijiet tal-UE għandha tkun allinjata mat-terminoloġija legali nazzjonali diġà eżistenti sabiex tiġi żgurata ċ-ċertezza legali.

Ir-Repubblika tal-Kroazja tibqa' impenjata li tippromwovi komunikazzjonijiet siguri ma' kostellazzjoni ġdida ta' satelliti u tkompli tappoġġa l-adozzjoni tar-Regolament.

¹ L-ekwivalenti użat fil-leġislazzjoni Kroata huwa "kibernetički" filwaqt li t-terminu użat fir-Regolament huwa "kiber-".